MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 416/2009

**Joseph Camilleri, Mario Camilleri, u Henriette Dougall**

**-vs-**

**Jacqueline Higgans, Archimede Food & More Limited, u Gaetano Palumbo**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-4 ta’ Mejju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi r-rikorrenti kollha huma flimkien ma’ ħuthom il-proprjetarji ta’ diversi appartamenti fil-Blokk “Danube”, Tigne Seafront, Sliema u partikolarment l-appartament numru 3.

2. Illi Joseph Camilleri dejjem kien interessat lli jekk isir xi qsim tal-proprjeta’ jew jingħata lil terzi huwa

jieħu l-pussess tal-appartament numru 3, u fil-fatt kien juża dan l-appartament regolarment tant li anke l-indirizz tal-I.D. Card juri hemmhekk bħala r-residenza tiegħu;

3. Illi fl-4 ta' Marzu 2009, oħt ir-rikorrenti, Jacqueline Higgans daħlet f'kuntratt ta' kera ma' l-intimati l-oħra s-soċjeta' Archimede Food & More Ltd u Gaetano Palumbo permezz ta' skrittura privata hawn annessa bħala dokument "A";

4. Illi dan il-ftehim lokatizju sar kollu kemm hu *ad insaputa* u mingħajr il-permess tar-rikorrenti;

5. Illi l-esponenti ma kellhom l-ebda xewqa li l-appartament in kwistjoni jinkera lil terzi, iżd'anzi jekk kienet ser tinkera kien lest li jikruha huma stess;

6. Illi għalhekk u f'kwalsiasi każ ir-rikorrenti għandu nteress li l-kirja magħmula bejn l-intimati tiġi rexissa *ai termini* tal-artikolu 1527 tal-Kodiċi Ċivili;

7. Illi fil-fatt il-ġurnata stess li sar jaf bil-kuntratt ir-rikorrenti ltaqa' ma' u talab lill-intimati sabiex jirrexindu l-kuntratt ta' lokazzjoni huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, *prevja* kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-kirja premessa datata 4 ta' Marzu 2009 saret mingħajr il-kunsens u kontra r-rieda u l-interessi tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara għalhekk nulla u bla effett din l-istess skrittura tal-4 ta' Marzu 2009 *ai termini* tal-artikolu 1527 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Konsegwentement tordna l-iżgumbrament tal-intimati mill-istess fond billi qegħdin jokkupawh mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

4. Tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti;

5. Tillikwida u tordna l-ħlas tal-istess danni mill-intimati lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta ġuramentata u li jattendu għas-seduta u kwindi huma kontumaċi skond il-liġi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-Avukat tal-atturi li ddikjara li s-sitwazzjoni ma nbidlitx minn meta ġiet preżentata l-kawża;

Billi għalhekk il-kontenut tar-rikors ġuramentat mhux kontestat u allura jirriżulta;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi (*eccetto* l-ħames talba li l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha), u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar;**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------